**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 7 ta' Novembru 2019**

**Rikors nru: 162/2018 AGV**

**AB (ID nru: 272273M)**
**Vs**
**CB (ID nru: 62769M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB ( ID nru: 272273M)** tat- 31 ta' Mejju 2019 fejn espoeniet bir-ripett ;

Illi l-kontendenti zzewwgu nhar it- 3 ta' Gunju 1995 minghajr kitba taz-zwieg u ghalhekk permezz taz-zwieg taghhom il-komunjoni tal-akkwisti giet stabbilita bejn il-partjiet bhala r-regim matrimonjali li tirregola il-propjeta' taghhom;
Illi matutl iz-zwieg, huma kellhom zewg itfal illum ghadhom minuri.

Illi l-partijiet ilhom jghixu separati minn Settembru 2017, b' dana illi huma ilhom jghixu mhux flimkien ghal finijiet tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal- Ligjiet ta' Malta ghal oltre' erba' snin.

Illi l-partijiet it-tnejn jahdmu b'dana illi ma jiddependux minn xulxin finanzjarjament ;

Illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti huma fl-interess taz-zewg partiijet u konsegwentament fl-ahjar interess tat-tifla minuri ghaliex jitnaqqas l-iskop tad-dizgwid ta' bejniethom. Minkejja illi llum il-partijiet jghixu hajja indipendenti minn xulxin, kemm finanzjarjament u kif ukoll emozzjonalment, il-waqfien tal-komunjoni jgib il-beneficcju li l-partijiet jistghu jagixxu f' atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin, u kif ukoll- a  fortiori in vista tal-indipendenza sufferita- li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel;

Illi ghalhekk il-konvenut mhux sejjer isoffri xi pregudizzju , u certament mhux ser isoffri minn xi pregudizzju sproporzjonat f' kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Illi ma hemmx raguni l'ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, ghandu jibqa' fis-sehh.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1.  Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezitenti bejn il-partijiet u dan a dispozzjoni tal-aritkolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2.Tordna illi s-sentenza hekk moghtija tigi notifkata lid-direttur tar-Registru Pubbliku u dan a dispozzjoni tal-artikolu 55 (5) tal-istess Kapitolu 16. tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tordna li r-regim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-seperazzjoni tal-assi.

U dan taht dawk il-provvediment illi dina l-Onorabbli Qorti, joghgboha taghti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-konvenut CB, ghar-rikors ta' martu tal- 31 ta' Mejju 2019.

Illi l-espoennti ma jopponix fil-principju tat-talbiet rikorrenti, b' dana illi l-esponenti ihoss illi ghadu jirreleva umilement is-segwenti;

1. Il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, huwa kolpit bid-dejn li jirrizulta mill- anness dokument HSBC illi jirraprezneta l-bilanc ta' ri-pagament tas-self dovut lil HSBC Bank MALTA PLC, apparti imghaxijiet relattivi, liema self kien gie ottenut mil-konjugi waqt iz-zwieg taghhom ghall-akkwist ta' garaxx.
2. Illi l-esponenti ghadu sal-lum fl-impossiblta' illi jipprezenta l-formoli tat-taxxa tal-konjugi ghas-snin 2017, 2018 u 2019, billi r-rikorrenti ghadha ma fornietx lill-esponenti bid-dokumentazzjoni relattiva ghad-dhul taghha tul das-snin- bir-rizultat illi l-konjugi sejrin isoffru hlas ta' imghaxijiet u penali illi huma attribwibbli ghan-nuqqassijiet tar-rikorrenti.

Illi fid-dawl tas-suespost, l-esponenti huwa tal-umli fehma illi qabel ma jigu akkolti it-talbiet rikorrenti, dina l-Onorabbli Qorti ghandha:

1. Tordna li r-rikorrenti tforni lill-esponenti bid-dokumentazzjoni kollha relattiva ghad-dhul taghha tul das-snin hawn fuq imsemmija, sal-lum, sabiex tigi rizolta pendenza tat-taxxa fuq id-dhul tal-kontendenti qabel l-istess sentenza.
2. Fis-sentenza taghha dina l-Onorabbli Qorti, ghandha tippronunzja wkoll, illi b' effett mid-data tas-sentenza, kull parti ghandha tissometti l-*income tax returns* taghha separatement.

**IKKUNSIDRAT;**

In tema legali jinghad li l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bazata t-talba attrici, jaghti fakolta` lil parti jew ohra li "f'kull zmien" matul is-smigh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.

Imbaghad fis-sub-inciz 4 l-istess artikolu jghid:

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "***pregudizzju mhux proporzjonat".*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-*principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1]

Din il-Qorti tosserva li dina d-disposizzjoni tal-ligi m'ghandhiex taghti interpretazzjoni wiesgha tal-frazi "*pregudizzju mhux proporzjonat."* Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-sub inciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skont l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat. *Quod lex voluit lex dixit,* u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha.

Gialadarba l-intimat mhux qed jopponi ghat-talba tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, izda jrid biss li tigi ssanata il-kwistjoni tat-taxxa fuq id-dhul, dan

---

[1] Rik.Gur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu, 2014.

ifisser li hu tal-fehma li l-istess xoljiment mhux ser jikkagunalu ebda *pregudizzju spropozjonat.*Fil-verita', bl-ghoti ta' sentenza ta' waqfien tal-komunjoni, jekk dan is-sehh il-partijiet jinghataw il-liberta' rispettiva li jkomplu hajjithom minghajr ma jagixxu bi pregudizzju ghall-komunjoni. Ghalhekk, dak li kien sa llum jifforma parti mill-komunjoni jibqa' hekk jifforma parti minnu, kemm assi kif ukoll dejn. Li jigri huwa li millum 'il quddiem, il-partijiet jistghu jixtru proprjeta' f'isimhom minghajr il-htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra, fost affarjiet ohra. Il-komunjoni ezistenti bejn il-partijiet sa llum, jibqa' hekk impregudikat sa ma jigi likwidat mas-sentenza finali. Lanqas ma ngabu xi provi fuq il-konsistenza tal-komunjoni u x'sproporzjonar seta' jezisti, biex ghalhekk tghin lil dina l-Qorti tevaluwa u tiddetermina jekk seta' kienx hemm lok ghal "***pregudizzju mhux proporzjonat.***"

Fin-nuqqas ta' kwalsiasi provi li jistghu jwasslu ghall-inapplikabbilita' tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minhabba li l-istess intimat, fir-risposta ma oggezzjonax li ghandha tigi x-xolta l-komunjoni tal-akkwisti, dina l-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
1. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.

2. Tilqa’ t-tielet talba

L-ispejjez ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**